# L-ETIMOLOĠIJA TAL-KELMA "DGĦAJSA"

F'wieħed mill-artikli lingwistiċi tiegħu l-Professur Ġ. Aquilina[1] jgħid li l-unika evidenza miktuba li għandna tal-kelma "dgħajsa" hija دُغَيْصُ , *barque,* li tinsab f'*Supplément Aux Dictionnaires Arabes* (Leide, 1927) ta' R. Dozy. Dan mhux eżatt għax ħafna mil-lessikografi bikrin Maltin, kif ukoll xi kittieba oħra ta' qabel l-1927, isemmuha fix-xogħlijiet tagħhom. G.P.F. Agius de Soldanis (c.1750), M.A.Vassalli (1796), F.Vella (1843), G.B.Falzon (1845), V.Azzopardi (1856), G.B.Falzon (1882) kollha jinkluduha fid-dizzjunarji tagħhom u x'uħud minnhom ukoll jagħtu l-plural "dgħajjes".[2] Fost il-kittieba l-oħra li jużaw il-kelma fix-xogħlijiet letterarji tagħhom insibu lil A.E.Caruana f'*Ineż Farruġ* (Malta, 1889), A.Preca fi *Storja Sagra* (Malta, 1895), Dun Xand Cortis f'*Fil-Ħabs bla Ħtija* (Malta, 1900),[3] u Ġ. Muscat-Azzopardi f'*Nazju Ellul* (Malta, 1909). Dan kollu jistabbilixxi l-fatt li l-kelma "dgħajsa" u l-plural "dgħajjes" kienu diġà jeżistu f'nofs is-seklu tmintax fil-kitba[4] u jintużaw sew f'kitbiet ta' wara. Fl-użu tad-diskors il-kelma ċidher li kienet tintuża ġmielha mħabba fl-eżistenza ta' żewġ plurali kif mogħtija minn de Soldanis. Cremona jmur aktar 'il bogħod meta jgħid li fis-seklu ħmistax *la barca da passo* kienet magħrufa bl-isem ta' "dgħajsa tal-mogħdija".[5] Għalhekk, minkejja li A.Mifsud[6] ma jagħti ebda ħjiel fuq kif kienet tissejjaħ bil-Malti, skond Cremona "dgħajsa" kienet f'ħalq il-poplu diġà fil-medjuevu.

Ir-riċerka bikrija li semmejt standardizzat l-għerq D-Għ-S u l-forma disillabika b'dittong fl-ewwel sillaba u b'sillaba miftuħa fit-tieni.

---

1. "Arabic Influence in the Maltese Language", f'*The Malta News* ta' l-20, il-21, it-22, it-23, l-24, il-25, is-26 u s-27 ta' Mejju, 1975.
2. De Soldanis saħansitra jagħti l-plural determinat "dgħajsiet", li ħadd aktar mill-oħrajn ma jagħti. Wara evidenza lessikografika bħal din hija kurjuża għaliex V. Busuttil ma jdaħħalx "dgħajsa" fid-dizzjunarju tiegħu, *Dizzjunarju mill-Malti għall-Ingliż bil-Frażjoloġija* (Malta, 1900).
3. Miġjub fil-*Kotba għall-Mogħdija taż-Żmien* Nru. 5 (Malta, 1900).
4. L-eqdem evidenza miktuba ta' "dgħajsa" li stajt insib kienet fil-manuskritt ta' de Soldanis.
5. "La Marina Maltese dal Medio Evo all'Epoca Moderna: Storia e Terminologia Marittima" fil-*Journal of Maltese Studies* (1964), pp. 177-197. Il-"mogħdija" kienet il-feribowt li titraġitta bejn il-gżejjer Maltin: ara A.P.Vella, *Storja ta' Malta* Vol. I (Malta, 1974) p.129.
6. F'"L'Approvigionamento e l'Università di Malta nelle Passate Dominazioni", fl-*Archivum Melitense,* Vol. III, 1918, Nru. 5.

Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-lessikografi bikrin, fis-sistemi differenti tagħhom ta' l-ortografija, kienu jiddistingwu bejn il-ħoss velari u dak gutturali li fl-Għarbi huma rrappreżentati fil-kitba bl-'għajn' u bir-'rgħajn'.[7] Dawn kitbu "dgħajsa" bi grafema li tikkorrispondi għar-'rgħajn'. Din hija indikazzjoni għall-etimoloġija tal-kelma billi, fid-diversi tentattivi biex jistandardizzaw l-ortografija, ir-riċerkaturi ewlenin kellhom iqallbu l-lingwi ta' l-istess razza biex isibu n-nisel.[8] Però, ma hemm ebda speċifikazzjoni etimoloġika fuq ix-xorta ta' 'd' u 's' mħabba li fil-Malti medjevali mitkellem ma jidhirx li kienet issir distinzjoni bejn, ngħidu aħna, il-fonemi Għarbin /d/ u /đ/ jew /s/ u /s̶/.[9]

Ir-riċerka reċenti tikkonferma r-'rgħajn' bħala r-radikali tan-nofs fl-għerq etimoloġiku ta' "dgħajsa", tistabbilixxi d-'dal' fil-pożizzjoni inizjali u tagħti l-alternattivi 'sin' u 'sad' għall-konsonanti finali.[10] Din ir-riċerka stabbilita telimina bosta possibbiltajiet minkejja similarità formali ta' x'uħud minnhom ma "dgħajsa",[11] u etimoloġikament

---

7. X'uħud mid-distinzjonijiet li jagħmel l-Għarbi huma fonetikament irrappreżentati hekk:

| GRAFEMA | (ISEM) | DESKRIZZJONI FONETIKA |
|---|---|---|
| ع | ('għajn') | frikattiva faringali mleħħna |
| غ | ('rgħajn') | frikattiva velari mleħħna |
| د | ('dal') | plossiva dentali mleħħna |
| ذ | ('dhal') | frikattiva interdentali mleħħna |
| ض | ('dad') | plossiva alveolari mleħħna |
| س | ('sin') | frikattiva dentali mhux imleħħna |
| ص | ('sad') | frikattiva alveolari mhux imleħħna |
| ء | ('ħamża') | plossiva glottali mhux imleħħna |
| ق | ('qaf') | plossiva uvulari mhux imleħħna |

F'dan l-istudju wkoll għall-pronunzja u t-tlissin ta' elementi qiegħed nuża s-sinjali / /, għall-istress ewlieni is-sinjal ', għall-għerq morfoloġiku √‾‾‾ u għat-trasformazzjoni l-għelm ⟹ .

8. Timplika wkoll eżistenza fonetika fil-fonoloġija qadima tal-Malti u tagħti ħjiel għall-pronunzja medjevali tal-kelma. Fil-Malti medjevali kienet issir distinzjoni bejn iż-żewġ elementi, /ʕ/ u /ɣ/, x'aktarx b'xi adattazzjonijiet lokali, u din id-distinzjoni baqgħu għaddejjin xi fdalijiet tagħha f'djaletti reġjonali fis-seklu ta' wara: ara E.F.Sutcliffe *A Grammar of the Maltese Language* (Malta, 1960) p.*v*, p.6; G.Aquilina *Papers in Maltese Linguistics* (Malta, 1961) p. 134 para. 8 u 9; D.Fenech *Lingwistika Ġenerali* (Malta, 1980) p. 69-70.Hekk nistgħu naraw il-pronunzja medjevali /dəˈɣaisa/ fejn /ə/ hija vokali dgħajfa, fdal ta' /u/.

9. Ara Nota 7 *supra*. Kieku d-distinzjoni fonetika x'aktarx li kienet b'xi mod titfaċċa fil-kitba bħal fil-każ ta' l-'għajn' u r-'rgħajn'.

10. Aquilina *Papers* p.11; Cremona *op.cit.* p.178; E.Serracino-Inglott *Il-Miklem Malti* (Malta, 1975-) *sub voce*.

11. Pereżempju, tista' telimina l-probabbiltà qawwija tat-tnissil minn دعسة (S.Kassab u G.Hammam, *Arabic and English Dictionary*, Beirut, 1888) li fid-djalett tas-Sirja tfisser "marka tar-riġel (*footprint*); passaġġ (*track*)" (ara: J.G.Hava, *Al-Faraid Arabic-English Dictionary*, Beirut, 1970). Din it-tifsira setgħet nebbħet l-idea li b'dgħajsa wieħed għandu passaġġ fuq il-baħar. U aktar

tagħti:

i) دغس

ii) دغص

Aquilina, Cremona u Serracino-Inglott, fuq l-evidenza ta' Dozy u Freytag, jagħtu دُغَيْسٌ , *barca* minn għerq *i* u دُغَيْصٌ , *barque* minn għerq ii. Serracino-Inglott iżid li "dgħajsa", diminuttiv ta' "dgħasa", hija mnissla minn دَاغِصَةٌ , "irkobba", bil-plural دَوَاغِصُ ,[12] mħabba fl-għamla tal-patella, jiġifieri mill-għerq etimoloġiku *ii*. Imma wara jikkwota "dgħajsi" minn دُغَيْسَى , jiġifieri mill-għerq *i* biex jerġa' jħalli r-riċerka inkonkluživa. Mid-dizzjunarji kollha kkonsultati, dak ta' Dozy biss jagħti l-għerq *i*. Hemm, għalhekk, probabbiltà kbira li دُغَيْسٌ hija biss varjanti ta' دُغَيْصٌ . Fl-istess ħin għandna evidenza lingwistika qawwija favur din ta' l-aħħar li għandha l-istess għerq ta' u rinforz semantiku minn دَاغِصَةٌ . L-iżvilupp fonoloġiku wkoll jidher li jinvolvi proċessi komuni fil-Malti djakroniku: telf ta' valuri konsonantali b'konsegwenza ta' riduzzjoni sillabika mħabba fl-assimilazzjoni ta' l-ewwel żewġ sillabi u l-bdil sillabiku finali li wassal għal sillaba miftuħa b'telf ta' l-approssimanti

/du + gai/⇒/dai/

/jas/ ⇒/sa/

Ir-rinforz aċċentwali fuq l-ewwel sillaba kellu jseħħ bilfors imħabba mhux biss f'dan l-addattament fonoloġiku, imma wkoll imħabba fil-passaġġ minn ilsien għal ieħor.

L-iżvilupp storiku tal-kelma jmur aktar lura. Imħabba n-nuqqas ta' kitba b'Malti medjevali ma jistax ikollna stampa ċara ta' kif inbidlet il-kelma. Iżda fil-lingwistika djakronika wieħed jista' jqabbel ma' lingwi oħra u forsi joħroġ xi konklużjonijiet li l-evidenza letterarja biss tista' tikkonferma.

Kieku kellna nwarrbu r-riċerka stabbilita niltaqgħu ma' aktar possibbiltajiet, fosthom dawn:[13]

a) it-twaħħid[14] ذُو , "possessur ta'", ma' xi forma

minn hekk għaliex fit-taħdit fl-Eġizzjan u fis-Sirjan il-kelma titlissen bl-'akka' minflok bl-'għajn': Hava *op.cit.;* Elias u Elias *Modern Dictionary Arabic-English* (Cairo, 1979). Seta' fil-Malti kien hemm xi addattazzjoni simili ta' l-'għajn' li wara fixklet lir-riċerkaturi.

12. Sib din il-kelma f'G.W.Freytag, *Lexicon Arabico-Latinum II* (Halis Saxonum, 1830); Kassab u Hammam *op.cit.;* Hava *op.cit.;* J.M.Cowan, *Arabic-English Dictionary* (London, 1976): Elias *op.cit.*

13. Fil-każ ta' possibbiltà (a) u (b) hemm ħafna onrajn u fi studju itwal jistgħu jit-qiesu kollha. Ara wkoll nota 11 *supra*. Dan id-dubju etimoloġiku donnu jindika addattazzjoni lokali bikrija. Forsi dan wassal lil Aquilina biex jikkonkludi: "The *dgħajsa,* as a boat, is as distinctly Maltese as the *gondola* is distinctly Venetian... *Dgħajsa* is exclusively Maltese..." Ara "Arabic Influence" *op.cit.*

14. Twaħħid ibbażat fuq l-istess linji ta' "bu-"; eż.: "bubaqra", "buċaqq", "buċekkra", "budebbus" eċċ. fil-każ ta' "bugħaddas" ġie li titlissen /bwad-da:s/.

bħal غَائِصٌ , "li jogħdos", biex jinħoloq kunċett li seta' jimplika xi mirkeb il-baħar – l-irbit semantiku li għandu l-għerq غوص wassal għal غَوَّاصَةٌ , "sabmarin",[15] li jista' jinkoraġġixxi din l-ipotesi;

b) it-twaħħid ta' وُضُوعٌ li fil-Malti tat "dugħ" (injama mqawwsa ta' bettija) ma' xi forma bħal عَوِيصٌ , "biċċa xogħol diffiċli", seta' wkoll wassal għal xi kunċett li jfisser biċċa marittima – speċjalment meta fl-idjoma Għarbija nsibu رَكِبَ الغَوْصَاءَ , "rħielha għal xi biċċa xogħol iebsa";[16]

c) it-tibdil djalettali li seta' sar fil-kelma قَيَّاسَةٌ [17] li fl-Eġizzjan[18] hija "dgħajsa tal-qlugħ kbira li tbaħħar fuq in-Nil"[19] – il-ploživa uvulari m'hix imleħħna /q/ tista' tinbidel reġjonalment f'xi velari /g/ jew /g/, imbagħad tgħaddi għall-modifikazzjoni /dj/ fit-tlissin.[20]

Fl-istudju tat-tnissil ta' kelma, il-ġrajja storika tal-forma mhux dejjem tkun faċli, l-aktar meta tkun għaddiet minn evoluzzjoni fonoloġika. It-tiftix, però, jista' jikxef żviluppi semantiċi. Donnu jidher, għalhekk, li "dgħajsa" qiegħda ġġarrab tidjiq semantiku. Vassalli jagħti *exigua navicula,* "bastiment ċkejken", bħala waħda mit-tifsiriet[21] u Cremona bħalu jagħti *parva navis,* "vapur żgħir".[22] Dan ta' l-aħħar ukoll jimplika li d-dgħajsa medjevali kienet daqs lanċa kbira, u xi rumanzieri tas-seklu dsatax ukoll użawha bħala lanċa tal-passiġġieri (tal-pass). Xi oħrajn ippreferew jużaw il-kelma "kajjikk" f'kuntest fejn illum forsi nużaw "dgħajsa". De Soldanis jiddistingwi bejn "dgħajsa żgħira" li jsejjah "ferilla" u dgħajsa tas-sajd" speċi ta'

15. Cowan *op.cit.;* Elias *op.cit.*
16. Hava *op.cit.*
17. قيس , bit-tifsira bażika ta' "qies, kejl", x'aktarx li għandu xi relazzjoni mal-Latin *capsa,* "kaxxa, reċipjent, senduq", li tat il-Provenzal Qadim *caisa* u l-Franċiż Qadim *casse.*
18. Fl-Ingliż hija *gaiassa.* Il-gajjassa tan-Nil hija speċi ta' barġ bi qlugħ latin, irriggjata b'żewġ arbli jew tlieta, u bħal biċċiet oħra ta' fuq in-Nil (eż. il-markab u n-nuggar) għandha pixkata baxxa. Għandha tmun qawwi u tintuża għal kollox. Il-gajjassa tbaħħar mar-riħ u mhux kontra, għalhekk ikollha tiddriftja lura mal-kurrent. Ara: G.Goldsmith-Carter, *Sailing Ships and Sailing Craft* (Londra, 1969) pp.6-7.
19. Elias *op.cit.;* Webster *Third New International Dictionary* (Stati Uniti ta' l-Amerika, 1966).
20. De Lacey O'Leary, *Colloquial Arabic* ed. riveduta (Londra, 1926) pp.17-19; Aquilina *Papers* p.131. Din l-ipotesi ssib appoġġ mill-proċess ta' palatalizzazzjoni li twettaq fil-lingwi Indo-Ewropej għall-ħabta tat-tielet seklu W.K.: ara R.Lord, *Comparative Linguistics* (Londra, 1966) p.114.
21. M.A.Vassalli, *Lexicon Melitense-Latino-Italum* (Ruma, 1796) *sub voce.*
22. A. Cremona *op.cit.,* p.178.

luzzu.[23] Filwaqt li Falzon ifisser "dgħajsa qadima" bħala *old bark*, "dgħajsa tat-tagħbija" bħala *long boat* u "dgħajsa żgħira" bħala *wherry*.[24] Fit-terminoloġija marittima writna wkoll, fost oħrajn:

| | | |
|---|---|---|
| "dgħajsa bir-roti" | = | vapurett misjuq minn roti forma ta' pali |
| "dgħajsa ta' l-irmonk" | = | lanċa tal-ġbid, tagbowt |
| "dgħajsa tal-pass" | = | bħal gondola għal għaxra min-nies |
| "dgħajsa ta' Sqallija" | = | skuna tat-tagħbija, tragett |
| "dgħajsa tas-saborra" | = | mirkeb li jġorr tagħbijiet tqal għal stabbilità aktar fit-tbaħħir |
| "dgħajsa t'Għawdex" | = | lanċa tal-merkanzija u tal-passiġġieri, il-mogħdija. |

Minn din il-lista jidher li l-medda semantika ta' "dgħajsa" fl-antik kienet usa', u llum din il-medda djieqet minħabba l-użu ta' ismijiet alternattivi bħal "skuna", "lanċa", "vapur", "bastiment" u "jott", li x'uħud minnhom huma aktar reċenti minn "dgħajsa". Illum, f'Malti sitwazzjonali, "dgħajsa" jista' jkollha sens ta' mirkeb daqsxejn kbir: pereżempju "dgħajsa ta' Kemmuna" minflok "lanċa ta' Kemmuna" u li fil-fatt hija "vapurett" – kelma ħafna anqas komuni llum minn "lanċa". Barra minn hekk, illum ġabret konnotazzjonijiet turistiċi tant li d-"dgħajsa tat-turisti", speċi ta' gondola dekorattiva b'kuluri varji, hija karatteristika tax-xtut Maltin. F'dan il-kuntest hija aċċettata fl-Ingliż u tinkiteb *dghaisa* bil-plural *dghaisas*.[25]

Dan iwassalna għal definizzjoni li tieħu in konsiderazzjoni l-iżvilupp semantiku mill-imgħoddi sal-lum:[26]

DGĦAJSA /'daisa/ *n.f.s.*, *pl. det.* dgħajsiet, *pl. indet.* dgħajjes D-Għ-S (Għarbi دُغَيْصٌ (?), li ġejja minn دَاغَصَ, "għaġġel biex jagħmel xi ħaġa", li hi derivazzjoni ta' دَغِصَ, "faga bl-ikel jew bir-rabja") *t.mar.:* terminu ġenerali għal mirkeb żgħir ta' l-injam, tal-lasktu jew tal-fajberglass, miftuħ jew b'xi biċċa gverta, jinsaq bl-imqadef jew

23. De Soldanis, *Damma tal-Kliem Kartaġiniż*, Librerija Nazzjonali ta' Malta, librerija manuskritt 143, Vol. II, p.109.
24. G.B.Falzon, *Dizionario Italiano-Inglese-Maltese* (Malta, 1882).
25. Webster *op.cit.* Dan id-dizzjunarju internazzjonali, magħruf għall-etimoloġiji approfonditi, jgħid li hija Maltija fl-etimoloġija tagħha. Dr.A.Shivtiel u Dr.B.S.J.Isserlin, tad-Dipartiment ta' l-Istudji Semitiċi fl-Università ta' Leeds, ma jiċħdux dak li jingħad f'Webster *op.cit.* (korrispondenza privata).
26. F'din id-definizzjoni għandna l-kelma, il-pronunzja, n(om), f(emminil), s(ingular), il-pl(ural) det(erminat) u indet(erminat), l-għerq, l-etimoloġija [ ], t(erminu) mar(ittimu). L-ismijiet alternattivi u l-kollokazzjonijiet jistabbilixxu l-kelma f'medda semantika wiesa'. Il-misluta (?) tindika dubju etimoloġiku għaliex nara xebh kbir ma' قِيَاسَةٌ u دَغْسَةٌ.

bil-palelli, bil-qlugħ jew bil-mutur u x'aktarx mhux akbar minn 13-il metru, użat għal skopijiet ġenerali ta' fuq il-baħar kemm fix-xogħol u kemm fid-divertiment;
*ismijiet alternattivi* – biċċa, inġenju, mirkeb, opra, qoxra.

**Charles Briffa**

# IL-MALTI

## Kopji tas-snin mgħoddija għall-bejgħ

**Prezz:** Numru wieħed – 25c
Numru Speċjali – 50c
Żewġ/Tliet/Erba' numri flimkien – 50c

1939: Marzu, Settembru
1944: Ġunju; Settembru; Diċembru
1945: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1946: Marzu; Settembru; Diċembru
1947: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1948: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1949: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1950: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1951: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1952: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1953: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1954: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1955: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1956: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1957: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ.*(flimkien)*
1958: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ.*(flimkien)*
1959: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ.*(flimkien)*
1960: Marzu; Ġunju/Sett.*(flimkien)*;Diċ.
1961: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1962: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1963: Marzu; Ġunju *(Numru Speċjali R. Briffa)*; Sett./Diċ.*(flimkien)*
1964: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1965: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1966: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1967: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1968: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1969: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1970: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1971: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1972: Marzu/Ġunju *(Numru Speċjali N. Cremona)* Settembru; Diċembru
1973: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1974: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1975: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1976: Marzu; Ġunju;
1977: Marzu; Ġunju/Sett./Diċ. *(flimkien)*
1978: Marzu/Ġunju/Sett./Diċ. *flimkien (numru wieħed biss)*
1979: Marzu/Ġunju *(flimkien)*; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1980: Jannar/Diċembru *(numru wieħed biss)*
1981: Jannar/Diċembru *(Numru Speċjali G. Galea)*
1984: Jannar/Ġunju *(Numru Speċjali* Zieda mat Tagħrif)

Ibgħat għall-kopji meħtieġa flimkien ma' ċekk għall-ammont ta' flus li jiswew il-kopji lis-**Sur Pawlu Mifsud (Tel: 40733), 24, Triq il-Linja tal-Ferrovija l-Qadima, B'Kara.**